CCT/228/13/S

Michael Attard
Vs
Alfen Trading Limited

Illum 25 ta' Settembru, 2014.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Michael Attard pprezentata fid-9 t'Ottubru, 2013 u r-risposta tas-socjeta Alfen Trading Limited ipprezentata fis-16 ta'Jannar, 2014;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom maghmula fit-12 ta'Gunju, 2014;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda 'outboard' li bdiet bil-problemi sa minn gimgha minn meta inxtara filwaqt li s-socjeta intimata eccepiet li l-'outboard' ma kellux difetti kif gie allegat mir-rikorrent;

Illi fil-mertu jinghad mal-ewwel li oggett, jekk uzat kif suppost, ghandu jahdem u jaqdi l-iskop ghalxiex nxtara;

Illi jidher li l-ewwel problema kienet dwar ilma li thallat maz-zejt filwaqt li problema ta' wara kienet li c-'choke lever' kien imkisser u ghalhekk ma setax jahdem sew;

Illi l-verzjonijiet tal-partijiet ma jaqblux u huma kunfliggenti;

Illi mill-provi imressqa, mhuwiex car jekk il-problemi li inqalghu kinux kagun ta' uzu hazin tal-'outboard' in kwistjoni;

Illi mill-provi prodotti, ma giex pruvat li l-'outboard' kellu hsarat latenti u lanqas tressqet xi prova ta'espert dwar dan;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta Alfen Trading Limited filwaqt li Jichad it-talba ta' Michael Attard, b'dan pero li gjaladarba l-oggett in kwistjoni ghadu taht garanzija it-Tribunal Jordna lis-socjeta Alfen Trading Limited tirranga l-'outboard' a spejjez taghha u taghmlu funzjonanti u Michael Attard jista' jigbor dan l-'outboard' fi zmien gimgha mill-llum, b'kull parti thallas l-ispejjez relattivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru